MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2908/1996/1

**Jox Limited.**

**vs.**

**Stephen u Marisa konjugi Pace.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Ottubru 1996 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hi propjetarja ta' estensjoni ta' art f'Baltic Street, Mensija.

Illi l-konvenuti huma propjetarji tal-fond "Miguane", fi Triq l-Adriatiku, Mensija, liema fond gie kostruwit mill-konvenut

fuq porzjoni ta' art li tmiss ma' l-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici.

Illi fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom il-konvenuti okkupaw ukoll parti mill-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici f'*area* ta' cirka 56.8 metri kwadri.

Illi *di piu`* fi zminijiet ricenti l-konvenuti abbuzivament u illegalment ghaddew il-medda tad-drenagg taghhom minn fuq l-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici, fethu bieb ta' *garage* li jaghti direttament fuq dik l-istess art tas-socjeta` attrici u wkoll qed jghaddu minn fuq tali art sabiex jaccedu ghal *garage* taghhom.

Illi dak kollu premess jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet patrimonjali u konsegwenti dannu ghas-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex:-

1. M'ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li l-istess konvenuti, fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom, okkupaw ukoll parti mill-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici, u *in oltre* li l-konvenuti abbuzivament u illegalment ghaddew il-medda tad-drenagg taghhom minn fuq l-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici, fethu bieb ta' *garage* li jaghti direttament fuq dik l-istess art tas-socjeta` attrici u wkoll li abbuzivament qed jghaddu minn fuq tali art sabiex jaccedu ghal *garage* taghhom.

2. M'ghandux jigi likwidat minn din il-Qorti, *okkorrendo* b'opera ta' periti nominandi, il-kumpens xieraq u relativi danni dovuti mill-konvenuti lis-socjeta` attrici konsegwenti ghall-fatt li l-istess konvenuti, fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom, okkupaw ukoll parti mill-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici.

3. M'ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat in forza tat-tieni domanda.

4. M'ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss ghal tali skop inehhu u jirrimwovu l-medda tad-drenagg li huma ghaddew abbuzivament minn fuq l-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici u jghalqu permanentement il-bieb tal-*garage* li jaghti ghal fuq dik l-istess art, kollox taht id-direzzjoni ta' periti nominandi.

5. Fil-Kaz ta' nuqqas ta' esekuzzjoni volontarja *da parte* tal-konvenuti fit-terminu lilhom hekk prefiss, m'ghandhiex is-socjeta` attrici tigi awtorizzata sabiex hija stess, a spejjes tal-konvenuti, taghmel l-istess xoghlijiet, taht id-direzzjoni ta' l-imsemmija periti nominandi.

6. M'ghandhomx il-konvenuti jigu permanentement inibiti minn din il-Qorti milli jaghmlu uzu mill-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici bhala mezz ta' access ghal *garage* taghhom jew ghal kwalsiasi skop iehor *in quanto* tali uzu jkun jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet patrimonjali tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-Protest Giudizzjarju prezentat fit-13 ta' Frar 1996, kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh fid-29 ta' Mejju 1997 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco ghas-seduta tal-4 ta' Lulju 1997.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco tal-4 ta' Lulju 1997 (fol 9) fejn dehret Dr.Joselle Galea li tat ruhha b'notifikata bl-avviz ta' l-appuntament ghas-socjeta` attrici. Peress li kien jonqos in-notifika tal-konvenuti l-kawza giet differita ghad-9 ta' Ottubru 1997.

Rat ir-rikors ta’ Joseph Xuereb ghal Jox Limited datat 28 ta’ Lulju 1997 (fol.11) fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna n-notifika tal-konvenuti wara l-hinijiet legali. Il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco, laqghet it-talba bid-digriet taghha tal-15 ta’ Awissu 1997.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Stephen u Marisa, konjugi Pace datata 3 ta’ Settembru 1997 a fol.14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, u *stante* illi l-precitata kawza *non si tratta di spoll* previleggjat, is-socjeta` attrici trid qabel xejn tipprova illi hija l-propjetarja ta’ l-art in kwistjoni.

2. Fil-meritu, u minghajr l-ebda pregudizzju ghal fuq eccepit, l-eccipjenti huma l-propjetarji ta’ l-art kollha illi fuqha nbniet il-fond proprjeta` taghhom li jgib l-isem “Miguanne”, fi Triq l-Adrijatiku, il-Mensija, u dan skond kif jirrizulta mill-kuntratti datati 31 ta’ Jannar 1992 in atti Nutar Dottor Michael Dingli (Dok. “SP1” u “SP2”)

3. Illi ghalhekk, l-eccipjenti ma okkupaw l-ebda parti minn xi art di proprjeta` tas-socjeta` attrici kif lanqas ma ghaddew il-medda tad-drenagg taghhom minn fuq xi art *di proprieta*` tas-socjeta` attrici, jew li qieghdin jghaddu minn fuq xi art *di proprieta*` tas-socjeta` attrici sabiex jaccedu ghal tali garaxx taghhom.

4. Illi *in pessima ipotesi*, u minghajr l-ebda pregudizzju ghal ‘l fuq eccepit, il-Qorti m’ghandhiex tilqa’ t-tieni (2) u t-tielet (3) domanda tas-socjeta` attrici minghajr ma tordna wkoll illi jigi ppubblikat il-kuntratt nutarili mehtieg sabiex l-eccipjenti jkunu jistghu jakkwistaw titolu legali fir-rigward ta’ dik il-parti mill-art allegatament *di proprieta*` tas-socjeta` attrici u li taghha l-istess socjeta` attrici qieghda titlob li jigi likwidat il-kumpens xieraq lilha talvolta dovut konsegwenti ghal tali allegat okkupazzjoni.

5. Illi *stante* t-tieni (2) u t-tielet (3) domandi kif proposti mis-socjeta` attrici, fis-sens illi l-istess socjeta` attrici

qieghda carament titlob kumpens xieraq konsegwenti ghall-fatt illi l-eccipjenti, fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom, allegatement okkupaw parti minn art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici, u dan a distinzjoni minn talba ghar-restituzzjoni ta' dik il-parti mill-art allegatement *di proprieta`* tas-socjeta` attrici u allegatement okkupata mill-istess eccipjenti – kif kien ikun lilhom kompetenti skond il-ligi, ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet tas-socjeta` attrici kif kontenuta fic-citazzjoni taghhom ma jreggux legalment.

6. Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kollha kontra taghhom.

7. Illi f'kull kaz, l-istess socjeta` attrici ghandha tbati l-ispejjes kollha tal-kawza billi mill-korrispondenza skambjata (Dok. "SP3' – Dok. SP6'), l-eccipjenti kienu ghadhom qieghdin jistennew il-kumdita` tas-socjeta` attrici sabiex isir l-inkontru bonarju bejn il-partijiet fil-prezenza ta' l-avukat fit-28 ta' Frar 1995 u kif accettat mill-konsulent legali ta' l-eccepjenti ta' dak iz-zmien fid-29 ta' Marzu 1995.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri illi jistghu jinghataw mill-eccipjenti skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u d-dokumenti annessi u immarkati bhala Dok. 'SP1' sa Dok. 'SP6' li huma:- Dok. 'SP1' – kopja legali tal-kuntratt datat 31 ta' Jannar 1992 fl-Atti tan-Nutar Dottor Michael Dingli, li tinkorpora wkoll il-pjanta annessa, esegwita bejn Emilio Agius u l-konvenut Stephen Pace; Dok 'SP2' – kopja legali tal-kuntratt datat 31 ta' Jannar 1992 fl-Atti tan-Nutar Dottor Michael Dingli, li tinkorpora wkoll il-Pjanta u *site plan* relattiv, bejn l-Avukat Dottor Joseph Raymond Pace *nomine* u ohrajn u l-konvenut Stephen Pace; Dok 'SP3' – ittra datata 24 ta' Novembru 1994 flimkien ma' l-annessa pjanta, indirizzata lill-konvenut Stephen Pace mill-Avukat Dr. Aldo Vella; Dok 'SP4' – kopja ta' ittra datata 29 ta' Novembru 1994 indirizzata lis-socjeta` attrici mill-Avukat Adrian Delia; Dok. 'SP5' – kopja originali ta' ittra datata 28 ta' Frar 1995

indirizzata lill-Dottor Adrian Delia mill-Avukat Dr. Aldo Vella; u Dok ‘SP6’ – kopja originali ta’ l-ittra datata 29 ta’ Marzu 1995 indirizzata lill-Dottor Aldo Vella mill-Avukat Dr. Adrian Delia, kollox kif jidher minn fol. 19 sa 38 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 39 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco tad-9 ta’ Ottubru 1997 (fol 41) fejn dehru l-partijiet u Dr. Aldo Vella. Peress li kien hemm bzonn in-nomina ta’ Perit Arkitett, il-Qorti nnominat lill-Perit David Pace bil-kompitu li jezamina jekk hemmx invazjoni fil-proprejta` ta’ l-attur kif allegat fic-citazzjoni u ddiferiet il-kawza quddiem il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Frank G.Camilleri ghas-16 ta’ Marzu 1998.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G.Camilleri tas-16 ta’ Marzu 1998 (fol 43) fejn deher Joe Xuereb in rapprezentanza ghas-socjeta` attrici, sprovvista mill-Avukat. Deher ukoll Stephen Pace assistit minn Dr. Kevin Dingli. Dr. Aldo Vella u l-Perit Tekniku, l-AIC David Pace ssejhu tliet darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Gunju ghar-relazzjoni; tal-15 ta’ Gunju 1998 fejn ma deher hadd; tal-4 ta’ Dicembru 1998 fejn ma deher hadd u l-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku sabiex fis-seduta li kien imiss huwa ghandu jidher u jinforma lill-Qorti dwar l-andament tal-kawza. Il-kawza giet differita ghat-28 ta’ April 1999 ghal dan l-iskop u okkorrendo ghar-relazzjoni; tat-28 ta’ April 1999 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Perit Tekniku l-AIC David Pace ssejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher il-Perit Tekniku l-AIC David Pace u nforma lill-Qorti illi s-seduti qieghdin isiru regolarment u l-konvenuti diga` bdew bil-provi taghhom. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Gunju 1999 ghar-relazzjoni; tas-16 ta’ Gunju 1999 fejn deher Dr. Kevin Dingli ghall-konvenuti u nforma lill-Qorti li hemm seduta ffissata ghall-20 ta’ Lulju 1999 ghall-provi tas-socjeta` attrici. Billi din il-kawza ma setghetx tispicca f’dik is-

sezzjoni, baqghet differita ghas-7 ta’ Frar 2000 ghar-relazzjoni; tas-7 ta’ Frar 2000 fejn dehret Dr.Susanne Shaw ghall-konvenuti, u nformat lill-Qorti illi l-kawza ghadha fl-istadju tal-gbir tal-provi tas-socjeta` attrici. Il-Qorti tat digriet fejn ordnat lill-Perit Tekniku l-AIC David Pace sabiex jidher fis-seduta li kien imiss u jinformaha bl-andament tal-kawza. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Marzu 2000 ghal dan l-iskop u okkorrendo ghar-relazzjoni; u tas-6 ta’ Marzu 2000 fejn deher il-Perit Tekniku l-AIC David Pace li nforma lill-Qorti illi l-provi ghadhom tas-socjeta` attrici pero` din mistennija tikkonkludi l-provi taghha fis-seduta li ghandha tinzamm fl-10 ta’ Marzu 2000. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ Gunju 2000 ghar-relazzjoni.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tal-5 ta’ Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema’ minn din il-Qorti kif illum hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-14 ta’ Novembru 2000 a fol.52 tal-process fejn deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici li nforma l-Qorti li waslu fl-istadju tal-provi tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-31 ta’ Jannar 2001.

Rat in-nota tal-konvenuti Stephen u Marisa konjugi Pace datata 20 ta’ Novembru 2000 a fol.58 li permezz taghha pprezentaw l-affidavit ta’ **Emilio Agius.**

Rat in-nota tas-socjeta` attrici Jox Limited datata l-1 ta’ Dicembru 2000 (fol 67) li biha rriservat id-dritt li taghmel il-kontro-ezami lil Emilio Agius wara l-affidavit tieghu pprezentat fl-20 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-31 ta’ Jannar 2001 a fol. 68 tal-process fejn deher il-Perit Tekniku li nforma lill-Qorti li l-attur ghandu jaghlaq il-provi tieghu f’seduta ffissata fit-30 ta’ Mejju 2001. Inghata digriet fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-istess seduta b’ordni tal-Qorti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici. Fin-nuqqas li jitresqu provi, il-provi attrici jigu kkunsidrati

maghluqa. Il-Qorti awtorizzat lill-konvenut biex jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura ta’ l-affidavit u ordnat lill-Perit Tekniku biex jiffissa zewg seduti ohra ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport ghat-22 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota tal-konvenuti Stephen u Marisa konjugi Pace datata 20 ta’ Frar 2000 a fol 70 tal-process li biha pprezentaw l-affidavit ta’ **Stephen Pace** datat u mahluf fil-15 ta’ Frar 2001 u mmarkat bhala Dok. ’SP8’.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta’ Mejju 2001 (fol 73) fejn deher Dr. Aldo Vella li nforma lill-Qorti li dak inhar stess il-partijiet ghalqu l-provi u l-Perit Tekniku kellu jghaddi ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-14 ta’ Ottubru 2001; tal-4 ta’ Ottubru 2001; tal-15 ta’ Novembru 2001 (fol 75) fejn deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku biex jidher fis-seduta li jmiss biex jew jinhalef ir-rapport li jkun ipprezenta u thallas tieghu jew biex jirritorna l-inkartament lill-Qorti jekk ma jlestix ir-rapport fil-mori tad-differiment biex il-Qorti tirrevoka l-inkarigu tieghu, b’dan li l-perit hu ordnat li jidher fis-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghad-19 ta’ Frar 2002; tad-19 ta’ Frar 2002 fejn deher il-Perit Tekniku David Pace li nforma lill-Qorti li ghadu ma thallasx. Il-kawza giet differita ghall-hlas tar-rapport ghas-6 ta’ Marzu 2002 u fin-nuqqas ta’ hlas il-kawza tigi kancellata. Aktar tard deher Dr. Massimo Vella li ha konjizzjoni tal-verbal; tas-6 ta’ Marzu 2002 fejn deher Dr. Kevin Dingli ghall-konvenuti li nforma l-Qorti li huwa rcieva kopja tar-rapport. Il-kawza giet differita biex jinhalef ir-rapport ghall-ahhar darba ghall-20 ta’ Marzu 2002; tal-20 ta’ Marzu 2002 fejn deher il-Perit Tekniku David Pace li halef ir-rapport. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport quddiem din il-Qorti diversament presjeduta quddiem l-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-31 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici Jox Limited ipprezentata fil-21 ta’ Marzu 2002 a fol 79 tal-process li biha, *stante* li hasset ruhha aggravata bil-kontenut tar-rapport tal-Perit AIC David Pace, mahluf quddiem din il-Qorti waqt is-

seduta mizmuma nhar l-Erbgha 20 ta’ Marzu 2002, talbet in-nomina ta’ Periti Addizzjonali skond il-Ligi.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-31 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-15 ta’ Novembru 2002 fejn deher Dr. Kevin Dingli ghall-konvenuti u Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attrici mhux opposta mill-konvenuti a spejjes provvizorjament ta’ l-atturi u nnominat lil Dr. Philip Manduca (Perit Legali) u AIC Alan Saliba u AIC Valerio Schembri (Periti Teknici). Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Frar 2003 ghar-relazzjoni.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC David Pace pprezentat fir-Registru fid-9 ta’ Novembru 2001 u mahluf *seduta stante* fl-20 ta’ Marzu 2002. L-istess rapport huwa esebit a fol.85 sa fol.104 tal-process, fejn ikkonkluda li l-allegazzjonijiet attrici ma rrizultawx u ghalhekk l-ewwel talba ma tistax tigi milqugha u kwindi anke t-talbiet l-ohra sussegwentament lanqas jistghu jintlaqghu wkoll.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Tekniku AIC David Pace tal-30 ta’ April 1998; tas-17 ta Settembru 1998 fejn xehed l-**AIC Ian Zammit** u anke in kontro-ezami, prodott mill-attur; tas-16 ta’ Novembru 1998 xehed **Mario Attard** prodott mill-attur; tat-8 ta’ Frar 1999 xehed **Mario Galea** prodott mill-attur; tal-20 ta’ Lulju 1999 u tad-29 ta’ Novembru 1999 fejn minhabba li l-attur kien assenti s-seduti ma setghux isiru; tal-10 ta’ Marzu 2000 xehed l-**attur** u wkoll in kontro-ezami; tal-1 ta’ Gunju 2000 fejn xehed l-**attur** in kontro-ezami; tat-18 ta’ Settembru 2000 fejn kompla jixhed l-**attur** in kontro-ezami u xehed il-**konvenut**; tas-17 ta’ Novembru 2000; tat-30 ta’ April 2001; tal-11 ta’ Mejju 2001; tat-18 ta’ Mejju 2001; u tat-22 ta’ Mejju 2001 xehed in kontro-ezami l-**konvenut**. Il-partijiet iddikjaraw li ma kienx fadlilhom aktar provi u awtorizzaw lill-Perit Tekniku sabiex jghaddi ghar-rapport.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati ma' l-istess rapport.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-14 ta' Frar 2003 a fol.169 tal-process fejn deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti awtorizzat lill-Periti Addizzjonali jirtiraw ir-rapport prezentat mill-Perit David Pace. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' April 2003 ghar-rapport tal-periti perizjuri; tat-30 ta' April 2003 fejn deher Dr. Philip Manduca, Perit Legali, u nforma l-Qorti li l-access kien ser isir fid-19 ta' Mejju 2003. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-30 ta' Gunju 2003; tat-30 ta' Gunju 2003; tat-12 ta' Novembru 2003; tas-27 ta' Jannar 2004; tat-18 ta' Marzu 2004; u tat-30 ta' Gunju 2004 fejn il-kawzi dejjem gew differiti ghar-rapport addizzjonali; tad-19 ta' Ottubru 2004 (fol.176) fejn deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti issollecitat lill-Periti Addizzjonali jikkonkludu r-relazzjoni taghhom *stante* li l-kaz jirrisali ghas-sena 1996. Il-kawza giet differita ghall-14 ta' Dicembru 2004 ghal dan l-iskop; tal-14 ta' Dicembru 2004; tat-18 ta' Frar 2005 fejn deher il-Perit Alan Saliba u nforma l-Qorti li d-drittijiet tal-periti kienu ghadhom mhux onorati. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' April 2005 ghall-hlas u konferma tar-rapport; tat-13 ta' April 2005 (fol 182) fejn dehru l-Perit Alan Saliba u Dr. Philip Manduca li halfu r-relazzjoni. Sussegwentement deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Mejju 2005 ghall-konferma tar-rapport addizzjonali mill-Perit Valerio Schembri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta' Mejju 2005 a fol 241 tal-process fejn deher Stephen Pace assistit minn Dr. Kevin Dingli. Il-Qorti osservat li l-Perit Valerio Schembri kien ghadu ma kkonfermax ir-rapport addizzjonali. Dr. Dingli, ghall-konvenut, iddikjara li ghandu bzonn jeskuti l-periti teknici. Il-Qorti ordnat li Dr. Dingli jipprezenta lista bid-domandi li ser isiru in eskussjoni u li din tigi komunikata lill-Periti Addizzjonali. Sussegwentament deher il-Perit Valerio Schembri u halef u kkonferma r-relazzjoni addizzjonali. Il-

kawza giet differita ghall-14 ta' Gunju 2005 ghall-eskussjoni tal-Periti Addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali Dottor Philip Manduca, AIC Alan Saliba u AIC Valerio Schembri li gie mahluf fit-13 ta' April 2005 mill-Perit Alan Saliba u Dr. Philip Manduca, u fis-6 ta' Mejju 2005 mahluf mill-Perit Valerio Schembri illi bih kkonkludew li:-

*1. Fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom il-konvenuti okkupaw parti mill-art di propjeta` tas-socjeta` attrici u l-medda tad-drenagg tal-konvenuti ghaddejja minn fuq art di propjeta` tas-socjeta` attrici. Il-bieb tal-garage jaghti direttament fuq l-istess art tas-socjeta` attrici u sabiex jaccedu ghall-garage in kwistjoni l-konvenuti qed jghaddu minn fuq tali art.*

*2. Dwar l-ewwel tliet talbiet tas-socjeta` attrici, l-esponenti jikkonkludu li l-kumpens xieraq ta' din l-invazzjoni tal-bini tal-konvenuti fuq l-art di propjeta` tas-socjeta` attrici jkun likwidat fis-somma ta' sitt elef erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm6,430.00).*

*3. Dwar it-tlett talbiet l-ohra li jirrigwardaw il-medda tad-drenagg u l-bieb tal-garaxx fuq l-istess medda ta' art, dan il-mertu jkun ezawrit wara li l-ewwel talba tkun hekk likwidata.*

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Periti Addizzjonali Dottor Philip Manduca, AIC Alan Saliba u AIC Valerio Schembri tas-6 ta' Frar 2003; tat-13 ta' Marzu 2003; tal-10 ta' April 2003 u tad-19 ta' Mejju 2003.

Rat il-lista tad-domandi mmarkata bhala Dok. 'X' a fol 275 tal-process, mhejjija mill-konvenut Stephen Pace sabiex jigu ndirizzati mill-Periti Addizzjonali in segwitu ghar-relazzjoni Peritali Addizzjonali taghhom f'din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-14 ta' Gunju 2005 (fol.277) fejn minhabba

ndispozizzjoni tal-Qorti l-kawza giet differita ghall-31 ta' Ottubru 2005 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat in-nota bid-dokumenti annessi tal-Periti Addizzjonali Dr.Philip Manduca, AIC Alan Saliba u AIC Valerio Schembri datata 15 ta' Gunju 2005 a fol.278 li permezz taghha wiegbu d-domandi mressqa mill-konvenut in segwitu ghar-relazzjoni peritali addizzjonali taghhom.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-31 ta' Ottubru 2005 a fol.288 tal-process fejn deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici u Dr. Kevin Dingli ghall-konvenuti. Deher il-konvenut Pace. Xehdu in eskussjoni l-Periti Alan Saliba u Valerio Schembri u Dr. Philip Manduca. Dr. Kevin Dingli talab il-permess tal-Qorti sabiex fic-cirkostanzi tal-kaz jesebixxi *survey report* redatt mis-*surveyor* Randolph Camilleri u dan sabiex ikun f'pozizzjoni li jirribatti b'mod tekniku u xjentifiku l-konkluzjoni li waslu ghalihom il-Periti Addizzjonali fir-relazzjoni taghhom. Dan il-bzonn skond l-istess avukat tal-konvenuta emerga mit-tip ta' risposti li nghataw b'mod specjali ghat-teknika uzata u ghandu jkun ta' ghajnuna ghall-Qorti  sabiex twiezen dawn il-konkluzjonijiet. Dr. Aldo Vella irrileva illi l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet minn dejjem wahda ta' konfini u konsegwenti ta' nvazzjoni *da parte* tal-konvenut fuq art ta' l-attrici. Il-provi tal-partijiet ilhom li nghalqu sa minn zmien qabel ma l-ewwel perit ipprezenta r-rapport tieghu u hu proceduralment inamissibbli li t-talba tal-konvenut ghall-produzzjoni ta' *survey* f'dan l-istadju u ghall-istess skop li l-prova trid tigi prodotta, tigi milqugha. Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Novembru 2005 ghall-provvediment; tat-18 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-provvediment; u tal-14 ta' Dicembru 2005 fejn ma jidher li gie moghti l-ebda provvediment fuq tali talba tal-konvenuti maghmula fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2005 (fol.288) u l-kawza thalliet ghall-20 ta' Jannar 2006 "ghall-kontinwazzjoni" kif jidher minn fol. 305 tal-process.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 20 ta' Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma

quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-1 ta' Marzu 2006 (fol.307) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` attrici u Dr. Lara Lanfranco ghall-konvenuti. Inghata digriet. Il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difenusuri prezenti u cahdet it-talba tal-konvenuti kif detotta fil-verbal tal-31 ta' Ottubru 2005 u dan anke ghaliex il-provi huma diga` maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 ta' Mejju 2006; u tal-10 ta' Mejju 2006 fejn deher Dr. Kevin Dingli ghall-konvenut Stephen Pace prezenti u Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolo ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn s-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenuti proprjetarji tal-fond "Miguane", Triq l-Adriatiku, l-Mensija invadew il-proprjeta` tas-socjeta' attrici konsistenti f'estensjoni ta' art f'Baltic Street, Mensija u dan f'*area* ammontanti ghal cirka 56.8 metri kwadri (Dok. "X") apparti li ghaddew medda tad-drenagg u fethu bieb ta' garaxx fuq l-istess art u ghalhekk saru diversi talbiet inkluz li tali xogholijiet saru abbusivament fuq l-art taghha u likwidazzjoni u hlas ta' kumpens xieraq apparti talbiet sabiex titnehha l-istess medda tad-drenagg u jinghalaq il-bieb tal-garaxx indikat.

Illi l-konvenuti sostnew li l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom u li huma bnew skond kif minnhom akkwistitat fuq art deskritta fil-kuntratti datati 31 ta' Jannar 1992 fl-atti tan-Nutar Michael Dingli (Dok. "SP 1" u "SP 2"); pero' jekk tigi milqugha it-tieni u t-tielet talba dan jista' jsir biss permezz ta' kuntratt pubbliku li jigi ordnat mill-Qorti, u wkoll li *in vista*` ta' l-ewwel tlett domandi attrici, u jekk l-istess jigu milqugha l-ahhar tlett talbiet ma jregux legalment ghaliex qed jintalab kumpens u mhux

restituzzjoni ta’ l-art; tghid ukoll li l-istess socjeta’ attrici ghandha tbati l-ispejjez kollha tal-kawza u dan ghaliex il-kawza saret meta kien gja kien deciz li jkun hemm inkontru bejn il-partijiet sabiex isolvu l-kwistjoni.

Illi l-awtur tal-konvenuti Emilio Agius u l-istess konvenut Stephen Pace jidher li qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom li huma bnew fuq l-art taghhom kemm fuq il-kuntratti hawn minnhom indikati u kemm fuq l-versjoni li huma kienu bnew skond kif kienu ftemhu ma’ certu Zanzu Parnis, li huma ddeskrivew bhala bniedem difficli u li zgur kien iwaqqafhom kieku dahlu fuq l-art tieghu, kif jghidu li kien ghamel mill-bidu nett ta’ l-istess bini u fl-affarijiet ohra. Il-konvenut qal li huwa dam sena/sena u nofs jibni gebel u saqaf u hadd ma waqfu u fuq id-diskrepanzi bejn id-dokument “A 11” u d-Dok. “MA 1” jghid li l-awtur tieghu Emilio Agius assigurah li bena tajjeb u kien bena fuq il-pjanta korretta.

Illi s-socjeta’ attrici tghid li akkwistat l-art taghha permezz ta’ diversi kuntratti li saru ghand in-Nutar Anthony Abela datati 11 ta’ Novembru 1992 – Dok. “A1” sa “A10” u kollha skond pjanta Dok. “A11” u qabel ma sar ix-xoghol kien inkarigat *surveyor* sabiex jaghti l-linji tat-triq izda hawn s-socjeta’ attrici skopriet li kellha t-tarf tal-kantuniera nieqes u dan ikkonfermat mix-xhieda ta’ Joseph Xuereb, direttur ta’ l-istess socjeta’, u mis-*surveyor* Mario Galea skond Dok. “MG 1”. Fil-fatt l-istess Joseph Xuereb jghid li kien kellem lill-Perit Ian Zammit dwar l-istess u dan wara li ra dan kollu, u l-pjanta Dok. “MA 1”, li huwa kien innegozja fuqha ma’ l-awturi tieghu, kien hareg ic-certifikat Dok. “IZ 2” u fejn jidher li kien hemm it-tnaqqis fl-art tas-socjeta’ attrici ta’ 13.8.m.k bhala sit fabbrikabbli u 11.50 m.k. bhala *area* ta’ *front garden* u 31.50 m.k. ghat-triq liema *area* hija okkupata mill-konvenuti fejn ghandhom bitha, xatba ghat-triq, parti stradali fejn hemm ukoll komunikazzjoni u kaxxa tad-drenagg tal-fond tal-konvenuti.

Illi dan jinsab konfermat mix-xhieda tal-Perit Ian Zammit li jghid li sahanistra kien involut anke qabel ma’ gie avvicinat mis-socjeta’ attrici fuq din l-art peress u dan peress li fil-bidu tas-sena 1992 kien imqabbad minn certu

Joe Grima, dak in-nhar sid ta’ l-istess art sabiex jaghmel *survey* ta’ l-istess u biex ghamel dan kien inkariga lis-*surveyor* Mario Attard, u fejn permezz ta’ l-istess kienet saret ukoll interpretazzjoni tal-linji tat-toroq u l-ispostament ta’ l-istess. F’dan is-sens kien lesta s-*survey* Dok. “IZ 1” u fuq l-istess il-linja “A – B” kienet l-art tas-socjeta’ attrici okkupata mill-konvenut – kif indikat f’Dok. “X” annessa mac-citazzjoni attrici li hija appuntu estratt mis-*survey* Dok. “IZ 1”.

Illi din ix-xhieda ta’ l-imsemmi perit giet ikkonfermata mix-xhieda ta’ l-imsemmi *surveyor* Mario Attard, li kkonferma l-pjanti Dok. “IZ 1” u “MA 1”. Huwa kien hejja l-pjanta “MG 1” u l-linja tal-qasma kellha tkun dik immarkata bhala “A-B-C” izda skond huwa l-hajt inbeda fuq il-linja “A – D”.

Illi l-Perit Tekniku David Pace kien ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu minn paragrafu 17 sa paragrafu 25 tar-relazzjoni tieghu datata 9 ta’ Novembru 2001 u fejn sostna li kien ra l-pjanti kollha esebiti u kien hejja *survey sheet* tal-lokal bhala Dok. “PT 1” li turi l-art qabel ma sar l-izvilupp u mar fuq estratt ta’ l-istess imdawwar b’cirku u kabbru kif indikat fid-Dokument “PT 2” u jghid li l-istess jikkonfermaw l-iskala tal-pjanti esebiti mis-socjeta’ attrici u li l-linji fejn hemm kontroversja dwarhom tant li jghid testwalment li:-

*“….kwazi jaqbel ma’ l-iskala tal-pjanti esebiti mis-socjeta’ attrici u minn analizi jista’ jikkonferma illi l-linji jikkombaccjaw u li ghalhekk verament il-qasma kellha tibqa’ tiela’ ‘fuq u mhux tispara dritt il-barra. ……………..”*

Illi abbazi ta’ dan l-istess perit tekniku ghamel il-konkluzjonijiet tieghu fl-ahhar tal-paragrafu 23 u f’paragrafu 24 tar-relazzjoni tieghu fejn jidher li kkonkluda li fuq l-istess pjanti jidher li almenu parti mill-bini tal-konvenuti sar fuq il-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici (fol. 102) izda kkonkluda li minkejja dan jirrizultalu li l-konvenut kien xorta bena fuq il-pjanta li huwa kien xtara fuqha, u ghalhekk sostna li abbazi ta’ dan ma’ setax jikkonkludi favur l-allegazzjonijiet attrici, ghalkemm qal li sabiex

wiehed ikun zgur fuq dan kellu jsir *survey* kif indikat minnu f’paragrafu 25 tar-relazzjoni tieghu.

Illi fuq talba tas-socjeta’ attrici saret il-hatra ta’ periti perizjuri, talba li giet milqugha minn din il-Qorti diversament presjeduta, u l-periti perizjuri kienu komposti minn Dr. Philip Manduca, u l-Periti Alan Saliba u Valerio Schembri li din id-darba rrelataw favur is-socjeta’ attrici fis-sens kif indikat fir-rapport taghhom ipprezentat fit-13 ta’ Jannar 2005 minn fol. 243 sa fol. 261 tal-process.

Illi fil-fatt jidher mill-istess rapport addizzjonali li s-socjeta’ attrici hasset ruhha aggravata abbazi ta’ dak li inghad f’paragrafi 23, 24, u 25 ta’ l-istess relazzjoni, u dan peress li minkejja li l-istess perit tekniku sostna li sar zvilupp mill-konvenuti fuq l-art tas-socjeta’ attrici kif indikat minnu f’paragrafu 24, izda f’paragrafu 25 wasal ghall-konkluzjoni li xorta wahda t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha, konkluzjoni li s-socjeta’ attrici tikkontendi li hija zbaljata.

Illi f’dan il-kuntest jidher li l-istess periti perizjuri ghamlu l-konstatazzjonijiet u l-kejl mehtieg fuq il-post mertu tal-kawza li abbazi tieghu hejjew il-pjanta annessa mar-rapport taghhom bhala Dok. “AS 1” u fejn ikkonstataw li talba attrici ghandha tigi milqugha peress li jirrizulta li l-pjanti esebiti mis-socjeta’ attrici huma iktar ta’ min wiehed joqghod fuqhom ghar-ragunijiet minnhom indikati f’paragrafi 6 sa 10 tar-relazzjoni taghhom (fol. 257 sa fol. 259 tal-process) u dan ibbazat fuq l-indikazzjonijiet kollha hemm maghmula fosthom li l-pjanti tas-socjeta’ attrici juru l-hitan tas-sejjiegh kollha li kienu originarjament jiddimarkaw l-art tas-socjeta’ attrici minn dik tal-konvenuti, fil-waqt li l-pjanta tal-konvenuti dan ma turihx; li l-pjanta Dok. “IZ 1” tabel mal-pjanta tal-Perit Tekniku David Pace stess bhala Dok. “PT 2”, u fil-fatt dan jghidu l-istess perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, li tali pjanta Dok. “IZ 1” giet ikkonfermata mis-*surveyor* li ghamilha tant li huwa sahanistra ra u kejjel il-linja tal-hajt tas-sejjiegh fiz-zona in kwistjoni a bazi tal-pedamenti ta’ l-istess hajt li kienu jezistu fuq il-post, u b’hekk ma kien hemm ebda dubju li skond l-istess periti addizzjoni tali pjanti kienu juru rejalment is-sitwazzjoni qabel ma beda l-izvilupp il-

konvenut u dan irendi l-istess pjanti tas-socjeta’ attrici *“aktar verosimili”.*

Illi stabbilit dan ikkonfermaw ghalhekk li minkejja li l-konvenut bena skond il-pjanta li huwa xtara fuqha, xorta wahda huwa kien zbaljat u dan peress li tali pjanta ndikata bhala Dok. “SP 1” kienet wahda zbaljata u abbazi ta’ l-istess konstatazzjonijiet minhom maghmula anke permezz tal-pjanta redatta minnhom bhala Dok. “AS 1”, l-istess periti perizjuri kkonfermaw li meta ghamlu *superimposition* ta’ l-istess mal-pjanta Dok. “X” esebita mac-citazzjoni attrici sabu li l-istess konvenuti kien qed jokkupaw 24.30 m.k mill-art tas-socjeta’ attrici, indikati bl-ittri A, B, u C fuq il-pjanta Dok. “AS 1” kif indikati f’paragrafu 8 tar-relazzjoni tal-periti perizjuri, u kollox kif spjegat fil-paragrafi sussegwenti, pagarafi numri 9 u 10 ta’ l-istess relazzjoni addizzjonali. Fuq din il-bazi u kif indikat f’paragrafi 10 u 11 ta’ l-istess rapport addizzjonali, li ghandu jifforma parti integrali minn din id-decizjoni u qed jigi b’dan il-mod inkorporat f’din is-sentenza, gie mahdum kumpens ghall-art hekk okkupata mill-konvenuti u dan wassal ghall-ammonti indikati f’paragrafu 12 ta’ l-istess relazzjoni ghall-ammont ta’ sitt elef, erba’ mija u tlettin lira Maltija (Lm6,430) kif jidher f’pagna 18 ta’ l-istess relazzjoni a fol. 259 tal-process.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-istess periti addizzjonali kkonkludew li:-

*“1. Fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom il-konvenuti okkupaw parti mill-art di propjeta` tas-socjeta` attrici u l-medda tad-drenagg tal-konvenuti ghaddejja minn fuq art di propjeta` tas-socjeta` attrici. Il-bieb tal-garage jaghti direttament fuq l-istess art tas-socjeta` attrici u sabiex jaccedu ghall-garage in kwistjoni l-konvenuti qed jghaddu minn fuq tali art.*

*2. Dwar l-ewwel tlett talbiet tas-socjeta` attrici, l-esponenti jikkonkludu li l-kumpens xieraq ta’ din l-invazzjoni tal-bini tal-konvenuti fuq l-art di propjeta` tas-socjeta` attrici jkun likwidat fis-somma ta’ sitt elef erba’ mija u tletin Lira Maltin (Lm6,430.00).*

*3. Dwar it-tlett talbiet l-ohra li jirrigwardaw il-medda tad-drenagg u l-bieb tal-garaxx fuq l-istess medda ta' art, dan il-mertu jkun ezawrit wara li l-ewwel talba tkun hekk likwidata".*

Illi saret anke eskussjoni ta' l-istess periti addizzjonali li fiha wara domandi mill-konvenuti kkonfermaw il-konkluzjonijiet taghhom u fejn spjegaw li hadu in konsiderazzjoni biex waslu ghar-rapport taghhom l-ingrandiment tas-*survey sheet* Dok. "PT 2" u li waslu ghall-konkluzjoni illi *"pjanta Dok. "IZ 1" taqbel ma' dan l-ingrandiment tas-site plan Dok. "PT 2" billi l-hbula tal-hitan tas-sejjiegh fuq Dok. "IZ 1" jaqblu mal-hbula fuq Dok. PT 2. Nesebixxu dan l-ingrandiment bhala Dok. "PT 2a"".*

Illi fil-fatt jirrizulta li l-istess periti perizjuri hadmu wkoll fuq il-pjanta redatta mill-perit David Pace, u kien ghalhekk li jidher car li l-istess perit tekniku kien wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu li fil-fatt sar zvilupp mill-konvenuti fuq l-art tas-socjeta' attrici kif indikat minnu f'paragrafu 24; jidher car li l-istess periti addizzjonali ma qablux mal-konkluzjonijiet tieghu sussegwenti li marru kontra dak li huwa stess ikkonstata, u dan peress li l-istess periti addizzjonali sabu u fil-fatt ikkonfermaw li l-pjanti u s-*surveys* esebiti mis-socjeta' attrici kienu korretti u juru l-istat attwali tal-post in ezami, anke qabel l-izvilupp *da parte* tal-konvenut, mentri l-pjanta jew pjanti li l-konvenuti xtraw fuqhom ma kienux precizi u kienu nieqsa mid-dettalji li jindikaw il-precizjoni taghhom, u dan il-periti addizzjonali spjegaw bl-iktar mod car ghaliex il-pjanti li fuqhom xtara l-konvenut, u partikolarment dik indikata bhala Dok. "SP 1" mhux ta' min joqghod fuqha. Fuq kollox l-istess periti kkonfermaw li huma personalment hadu konjizzjoni tal-pjanti kollha esebiti u f'dan il-kuntest ghamlu personalment *survey* ta' dak li kien hemm ezistenti fil-mument ta' l-inkarigu taghhom.

Illi abbazi ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li ghandha taddotta l-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali anke ghaliex huma ben motivati teknikament u legalment, u dan a kontrarju ta' l-ewwel relazzjoni

peritali, li hija manifestament kontradittorja, specjalment fuq il-punti mqajjma mis-socjeta’ attrici, u li gew ben indirizzati kif suppost, u bit-teknika dovuta mill-periti addizzjonali, li kkonkludew li l-pjanta li fuqha xtara l-konvenut jew konvenuti kienet wahda zbaljata; jigi rilevat li t-tezi tas-socjeta’ attrici hija ben ikkorroborata minn pjanti u minn xhieda ta’ persuni teknici, fil-waqt li min-naha l-ohra l-konvenuti ma pprovdew xejn minn dan, lanqas lill-imsemmi Zanzu Parnis, li l-istess konvenuti bbazaw tant fuqu. Kien biss wara li sar ir-rapport tal-perit addizzjonali li l-istess konvenuti talbu sabiex iressqu xhieda teknika, u dan wara l-gheluq tal-provi u wara li saru l-konstatazzjonijiet teknici kollha li setghu jsiru skond il-ligi fi process gudizzjarju, talba li din il-Qorti thoss li wara l-kors kollu tal-kawza, u wara li kien car mill-bidu nett tal-prezentata tac-citazzjoni attrici li din kienet kawza fejn kienu qed jigu kkontestati l-konfini tal-proprjetajiet rispettivi u ghalhekk l-allegazzjoni ta’ nvazzjoni ta’ proprjeta’ *da parte* tal-konvenut, u wara cirka disa’ snin ta’ proceduri, l-istess konvenuti kellhom *se mai* jitolbu li jippresentaw hafna qabel fl-istess proceduri, u certament ma kien hemm xejn x’izommhom milli jaghmlu dan fl-istadju tal-provi taghhom, stadju tal-provi li gie maghluq quddiem il-Perit Tekniku David Pace b’verbal tat-22 ta’ Mejju 2001 *a tergo* ta’ fol. 168 u fol 156 tal-process. Mhux hekk biss izda l-periti perizjuri nnutaw li fl-istadju ta’ l-inkarigu taghhom *“l-konvenut ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet fir-rigward tar-rapport ta’ l-istess Perit David Pace”* – *(*paragrafu 2 tar-relazzjoni addizzjonali f’pagna 15 tar-rapport u *fol. 256* tal-process).

Illi fil-fatt jidher car li l-konvenuti fehmu dan kollu anke mill-eccezzjonijiet minnhom moghtija inkluza dik numru 4 fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom datata 3 ta’ Settembru 1997 fejn fehmu wkoll li jista’ jkun li fl-fatt bnew *in parte* fuq art tas-socjeta’ attrici tant li pprovdew ghall-istess bla ma resqu pero’ ebda prova teknika lanqas waqt l-istadju tal-provi taghhom – din il-Qorti wkoll tinnota li tali eccezzjoni issegwi linja differenti sew mill-ewwel tlett eccezzjonijiet minnhom moghtija u din certament ma’ tghinx lanqas ghall-accettazzjoni tal-versjoni u d-difisa stess *da parte* tal-konvenuti.

Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta’ dan kollu li jigi applikat il-principju li gja gie uzat minn din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **“Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited”** (PA. (RCP) – 30 ta’ April 2002) **“Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg”** (PA. (RCP) – 28 ta’ Frar 2002) fejn inghad li *“ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa’ jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti “ma tistax taghmlu b’mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ aspett tekniku tal-materja taht ezami”* (**“Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta’ Mejju 1998; **“Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca” –** A.C. 6 ta’ Ottubru 1999; **“John Saliba vs Joseph Farrugia”** A.C. 28 ta’ Jannar 2000; **“Sammy Tabone vs Carmel Tabone et”** – A.C. 5 ta’ Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **“Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*”** (A.C. 23 ta’ Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *‘b’danakollu, l-‘giudizio dell’arte’ espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta’ lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche’ ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli”.* Dan iktar u iktar meta saret il-hatra ta’ periti addizzjonali a bazi ta’ l-**artikolu 677 tal-Kap 12.**

Illi din il-Qorti thoss ukoll li l-konkluzjonijiet peritali ghandhom jigu milqugha kif maghmula b’dan li l-ewwel tlett talbiet attrici ghandhom jigu milqugha skond l-istess relazzjoni peritali, b’dan li din il-Qorti tastjenti milli tiehu konjizzjoni tar-raba’, l-hames u sitt talba attrici, *stante* li l-

istess gew ezawriti minhabba l-mod kif gew milqugha l-ewwel tlett talbiet attrici u l-kumpens hemm likwidat u moghti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba', l-hames u s-sitt talba attrici, u dan minhabba dak hawn deciz fejn qed jigu milqugha l-ewwel tlett talbiet attrici u qed jinghata kumpens lis-socjeta' attrici, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra konsistenti fl-ewwel, fit-tieni, u fit-tielet talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess konvenuti, fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom, okkupaw ukoll parti mill-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici, u *in oltre* li l-konvenuti abbuzivament u illegalment ghaddew il-medda tad-drenagg taghhom minn fuq l-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici, fethu bieb ta' *garage* li jaghti direttament fuq dik l-istess art tas-socjeta` attrici u wkoll li abbuzivament qed jghaddu minn fuq tali art sabiex jaccedu ghal *garage* taghhom u dan kif indikat f'din is-sentenza u fir-rapport tal-periti addizzjonali.

2. Tillikwida bhala kumpens xieraq u relativ ghal tali okkupazzjoni u nvazzjoni ta' l-imsemmija proprjeta mill-konvenuti ghad-dannu tas-socjeta' attrici konsegwenti ghall-fatt li l-istess konvenuti, fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom, okkupaw ukoll parti mill-art *di proprieta`* tas-socjeta` attrici, fl-ammont likwidat mill-istess periti addizzjonali fir-rapport taghhom fl-ammont ta' sitt elef erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm6,430.00).

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat in forza tat-tieni domanda fis-somma ta' sitt elef erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm6,430.00).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Protest Giudizzjarju prezentat fit-13 ta’ Frar 1996, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------